# Il-Ħadd 05.07.2015

1. Illum 05/07:
   - Mit-8:30am sas-1:00pm, fil-Berġa tal-Gvern taż-Żurrieq (quddiem il-venda tal-linja) tistgħu tmorru tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom imorru huma mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.
   - Fil-Car park tad-Dar tal-Provvidenza qed tittella' l-maratona tal-Volleyball b'risq l-istess Dar. Mis-6.00pm 'l quddiem ikun hemm spettaklu ta' kant u żfin, ikel u l-logħob għat-tfal. Inħeġġukom tattendu u tgħinu kif tistgħu.

2. Is-Sibt 11/07:
   - **L-Għoti tal-*Pallium* lill-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, bħala Arċisqof Metropolitan ta' Malta**:
     - Fl-10:00am, quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann fejn in-Nunzju Appostoliku l-ġdid ta' Malta, l-E.T. Mons. Mario Roberto Cassari, iqiegħed fuq spallejn l-Arċisqof il-*pallium*, simbolu ta' għaqda tiegħu u tal-Knisja f'Malta mal-Papa u mal-Knisja Kattolika, quddiem rappreżentanza ta' nsara mill-parroċċi ta Malta. kulħadd huwa mistieden.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali tas-Salvatur, Ħal Lija.

3. It-Tlieta 14/07:
   - Ser ikollna Ħarġa għal Għawdex. Tluq fis-6:30am u nkunu lura għas-7:15pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

4. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 260 bħala ġabra speċjali b'risq il-festa ta' San Pawl;
   - € 255 bħala arbural b'risq il-festa ta' San Pawl;
   - € 30 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.